# IL-KTIEB TA' RUT

Kotba sbieħ hawn bil-bosta fid-dinja, u kull pajjiż u kull żmien għandu xi kittieba tiegħu li isimhom aktarx ma jintesa qatt.

Il-letteratura griega u l-letteratura rumana fihom poeżija u proża li jgħaxxquk; il-letteraturi ta' żmenijiet qrib lejna għandhom ukoll il-ġmiel, il-benna, il-lewn u s-saħħa tagħhom: xi pajjiżi orjentali nbagħad għandhom il-ward letterarju tagħhom ifuħ bħas-sagħtar u l-plejju, u ħelu bħal daħka tar-rebbiegħa.

Iżda l-ktieb ta' l-isbaħ poeżija u ta' l-oħla għidud tibqa' dejjem il-Bibbja, il-ktieb t'Alla, għaliex miktub taħt in-nebħ tiegħu minn idejn il-profeti, is-salmisti, l-appostli u l-Evanġelisti. Il-poeżija kbira, qawwija, għolja tal-profeta Isaïjah ma jlaħħaq magħha ħadd: il-għanja tas-salmi xi drabi taħraq bħal sejf tan-nar, xi drabi friska bħal nixxiegħa ta' ilma ġieri; daqqiet ħarxa bħal-leħen ta' taqliba, daqqiet ħelwa u safja bħal żiffa qalb il-ward, dik il-għanja ma għandha xejn x'jixbaħha fid-dinja; u t-tjieba, iż-żîna, u s-sempliċità tal-parabbli tal-Vanġeli u ta' xi rakkonti fit-Testment il-Qadim huma ħwejjeġ li jisierqulek ħsiebek u qalbek.

Wieħed minn dawn ir-rakkonti hu l-Ktieb ta' Rut, li aħna għall-ħlewwa u l-ġmiel tiegħu sejrin inġibu f'dan il-Għadd ta' "Il-Malti" kif inhu maqlub fi lsienna mill-Prof. Dun P.P. Saydon, raġel magħruf biż-żejjed fostna u fost ħafna Orjentalisti ta' barra bħala kittieb għaref fil-kotba ta' l-Iskrittura, f'xi ilsna orjentali u l-aktar fil-għerf tan-nisel, fis-sura u fil-ħajja tal-Lsien Malti.

# KTIEB RUT

**Nogħemi f'art il-Mowabin.**

1 ĠARA fi żmien il-ħakma tal-
imħallfin li kien hemm
il-għaks fil-pajjiż, u mar ra-
ġel minn Betlehem ta' Ġuda
jgħammar għarib fl-inħawi
ta' Mowab, hu u martu u ż-
2 żewġ uliedu. Isem ir-raġel
Elimelek, isem martu Nogħe-
mi, u isem iż-żewġ uliedu
Maħlon u Keljon, Efratin
minn Betlehem ta' Ġuda.
Ġew mela fl-inħawi ta' Mo-
3 wab u qagħdu hemm. U miet
Elimelek, żewġ Nogħemi, u
baqgħet hi u ż-żewġ uliedha.
4 U ħadu għalihom nisa Mo-
wabin, isem il-waħda Għorfa,
u isem l-oħra Rut, u għamm-
ru hemm daqs għaxar snin.
5 U mietu huma t-tnejn ukoll,
Maħlon u Keljon, u baqgħet
il-mara wara wliedha t-tnejn
u wara żewġha.

**Terġa' tmur Betlehem.**

6 Inbagħad qamet hi u ken-
nietha u telqet mill-inħawi
ta' Mowab, għax kienet sem-
għet fl-inħawi ta' Mowab li
ħaseb il-Mulej f'niesu u tâ-
hom il-ħobż. Ħarġet mela 7
mill-imkien li kienet fih, u
kennietha t-tnejn magħha, u
telqu fit-triq biex jerġgħu
lejn art Ġuda. U qalet No- 8
għemi liż-żewġ kennietha :
Morru, erġgħu kull waħda
lejn dar ommha. Jagħmel il-
Mulej magħkom tjubija,bħal-
ma għamiltu intom mal-mej-
tin u miegħi. Jatikom il-Mu- 9
lej li ssibu mistrieħ kull
waħda f'dar żewġha. Besit-
hom u bkew b'leħen għâli. U 10
qalulha : Le, imma miegħek
nerġgħu lejn niesek. Qalet 11
Nogħemi: Morru bniet tiegħi;
għaliex tridu tiġu miegħi?
Għâd għandi jien ewwilla
wlied f'ġufi li jistgħu jkunu
rġiel tagħkom? Erġgħu lura, 12
bniet tiegħi, morru, għax jien
xjeħt biex nerġa' niżżewweġ.
Jekk ngħid: Għâd għandi xi
tâma, u niżżewweġ il-lejla u
jkolli t-tfal, sa tistennewhom 13
intom sakemm jikbru ? sa
toqogħdu intom minnħabba
fihom imċaħħdin li ma tiż-
żewwġux? Le, ja bniet tiegħi,
għax għommti kbira għali-

1. 1. *Inħawi ta' Mowab*, fir-raba' ta' Mowab, lejn il-lvant tal-Baħar il-Mielaħ.

4. Il-liġi ma kenitx trid iż-żwieġ tal-lhud mal-Kangħanin, Dt. 7. 3, iżda l-Mowabin ma kenux Kangħanin, imma kienu barranin li setgħu jwaqqgħu l-lhud fil-qima tal-allat. Iż-żweġijiet ta' wlied Nogħemi u la kienu ħżiena għal kollox u anqas tajjbin għal kollox.

8. *Mal-mejjtin*, ma' wliedi l-mejjtin.

11. 12. Nogħemi riedet tgħid: Kieku għad baqâli t-tfal kont inżewwiġhomlkom, bħalma titlob il-liġi, Dt. 25, 5-10, imma jien ma għandix tfal u la kbar u anqas żgħar; u ankas jista' jkolli għax xiħa.

kom, għax ħarġet għalijja id
14 il-Mulej. U refgħu leħinhom
u reġgħu bkew. Bieset Għor-
fa lil ħmietha, imma Rut
baqgħet imqabbda magħha.
15 Inbagħad qalet (Nogħemi
lil Rut): Ara, reġgħet lura
silftek lejn niesha u lejn alla
tagħha: erġa' inti wkoll għal
16 wara silftek. Wieġbet Rut:
La tleħħx għalijja biex in-
ħallik u biex nerġa' lura
bogħod minnek, għax fejn
tmur int, immur jien, fejn
tgħammar int, ngħammar
jien; niesek niesi, alla tiegħek
17 alla tiegħi. Fejn tmut int,
immut jien u hemm nindifen.
Hekk jagħmilli l-Mulej u
iżjed minn hekk, jekk mhux
18 il-mewt tifridni minnek. Me-
ta rât li hi fehmitha qawwija
biex tmur magħha, ma kell-
mithiex iżjed.
19 Marru mela huma t-tnejn
sa ma waslu Betlehem. U kif
waslu Betlehem, qamet għa-
għa l-belt kollha minnħabba
fihom, u qalu (n-nisa): Din
20 Nogħemi? Qaltilhom: La
ssejjħulix Nogħemi, sejjħuli
Mara, għax imlieni bl-imrar
21 Alla li jista' kollox. Mimlija
jien mort u fiergħa reġġagħni
l-Mulej. Għaliex issejjħuli
Nogħemi, la l-Mulej għakki-
sni u Min jista' kollox ħaqar-
22 ni? U giet Nogħemi u Rut il-
Mowabija, kennitha, magħha,
li reġgħet lura mill-inħawi
ta' Mowab. Waslu Betlehem
fil-bidu ta' ħsad ix-xgħir.

**Rut tlaqqat is-sbul fir-raba' ta' Bogħoż.**

2
NOGĦEMI kellha qarib minn
naħa ta' żewġha, raġel
għâni ħafna, mill-familja ta'
Elimelek, jismu Bogħoż. U 2
qalet Rut, il-Mowabijja, lil
Nogħemi: Ħa mmur fir-raba'
biex inlaqqat is-sbul wara
min insib ħniena f'għajnejh.
Weġbitha: Mur binti. Marret 3
u ġiet tlaqqat fir-raba' wara
l-ħassada. U ħasel messha
għalqa ta' Bogħoż, li kien jiġi
minn Elimelek.
Xħin ġie Bogħoż minn Bet- 4
lehem qal lill-ħassâda: Il-
Mulej magħkom! U weġbuh:
Ibierkek il-Mulej! U qal 5
Bogħoż lill-qaddej tiegħu, li
kien fuq il-ħassada: Ta' min
hi din it-tifla? Wieġeb il- 6
qaddej, li kien fuq il-ħassada,
u qal: Tifla Mowabija, dik li
ġiet ma' Nogħemi mill-inħa-
wi ta' Mowab. Hi qalet: "Ħa 7
nlaqqat u niġma' bejn l-għa-
mar wara l-ħassada." U ġiet
u baqgħet mis-sebħ sa dal-
ħin, anqas ma strieħet ftit. U 8
qal Bogħoż lil Rut: Qiegħda
tisma' binti? La tmurx tlaq-
qat f'għalqa oħra u l-anqas la

20. *Nogħemi* tfisser *ħlewwa tiegħi*. *Mara = morra*.

22. *Fil-bidu*, fix-xahar ta' April.

2. 2. *Inlaqqat is-sbul*, is-sbul li jaqa' fl-art waqt il-ħsad ma kienux jiġbruh, imma jħalluh lill-foqra; ara Lev. 19. 9. Imqar illum tara qtajja ta' Għarab ilaqqtu wara l-ħassada.

4. *Il-Mulej magħkom! Ibierkek il-Mulej!* xi ġmiel ta' tislim!

twarrab minn hawn, imma
ibqa mqabbda wara l-ħaddie-
9 ma tiegħi. Għajnejk fl-għalqa
li huma jaħsdu, u imxi wa-
rajhom; ara wissejt lill-ħad-
diema biex ma jmissukx. U
meta jkun bik il-għatx, mur
ħdejn il-ġarar u ixrob milli
10 jimlew il-ħaddiema. U xteħ-
tet għal wiċċha u mielet sal-
art u qaltlu : Kif sibt jien
ħniena f'għajnejk biex taħ-
seb fija, jien barranijja ?
11 Wieġeb Bogħoż u qallha :
Ħabbruli iwa kull ma għa-
milt lil ħmietek wara mewt
żewġek, u li ħallejt 'l missie-
rek u 'l ommok u art tweli-
dek u ġejt għand nies li ma
12 kontx tafhom qabel. Iħallas
il-Mulej għamilek, u jkun
ħlasek sħiħ minn għand il-
Mulej, Alla ta' Israël, li inti
ġejt tistkenn taħt ġwenħajh.
13 Qaltlu : Jalla nsib ħniena
miegħek, ja sidi, għax int
farraġtni u tkellimt għal qalb
il-qaddejja tiegħek, għal-
kemm jien miniex bħal waħ-
da mill-qaddejja tiegħek.
14 Qallha Bogħoż waqt l-ikel:
Ersaq l'hawn u kul mill-ħobż
u bill il-ftiet tiegħek fil-ħall.
U qagħdet ma' ġenb il-ħas-
sâda u għamlilha gods qamħ
ingaljat; kielet u xebgħet u
kien baqgħelha. Inbagħad 15
qamet biex tlaqqat, u wissa
Bogħoż lill-ħaddiema tiegħu
u qallhom : Imqar bejn il-
għamar tista' tlaqqat u la
tregħxuhiex. U ħallu wkoll 16
jaqgħu xi sbul mill-qatet u
itilqulhom; hi tlaqqathom u
la tgħajjtux magħha.

Damet tlaqqat fil-għalqa sa 17
filgħaxija, inbagħad daqqet
dak li laqqtet; kien madwar
efa xgħir. Refgħetu u daħlet 18
il-belt, u rât ħmietha dak li
laqqtet. Ħarġet inbagħad
(Rut) u tâtha dak li kien
baqgħelha wara li xebgħet.
U qaltilha ħmietha : Fejn 19
laqqatt il-lum, u ma' min
ħdimt? Ikun imbierek min
ħaseb fik. U għarrfet lil
ħmietha ma' min ħadmet u
qalet: Isem ir-raġel li ħdimt
miegħu l-lum Bogħoż. Qalet 20
Nogħemi lil kennitha : Im-
bierek hu mill-Mulej li ma
neħħiex tjubitu minn mal-
ħajjin u mal-mejjtin. Qaltil-
ha wkoll Nogħemi : Qarib
tagħna hu r-raġel; hu minn

9. *Ixrob milli jimlew*, ixrob minn dak (aktarx ilma bil-ħall) li l-ħaddiema jimlew mill-ġarar jew bramel b'xi tazza jew bieqja.

15. *Qamħ ingaljat*, għadhom sal-lum il-bdiewa ta' dawk l-inħawi jieklu waqt ix-xogħol il-qamħ ingaljat mal-ħobż jew flok il-ħobż.

17. *Daqqet*, ħabbtet is-sbul b'għuda biex toħroġ il-ħbub tax-xgħir missbula. *Efa*, madwar tomnejn.

20. *Jedd il-fidwa*, meta raġel miżżewweġ imut bla wlied, l-armla terġa' tiżżewweġ lil ħu l-mejjet, u l-ewwel tifel li jitwieled ikun qisu bin ir-raġel il-mejjet; ara Ġen. 38. 8; Dt. 25, 5-10. Hu l-mejjet għandu l-jedd u d-dmir *jifdi* isem il-mejjet, u bil-lhudi jgħidulu *goël*. Nogħemi kienet qisha bla wlied, għax li kellha mietu bla nisel, mela qarib żewgħha kellu jeħodha b'martu. Iżda Nogħemi kienet xiħa biex ikollha t-tfal, għalhekk flokha daħlet Rut, mart binha. U l-ewwel tifel ta' Rut ikun skond il-liġi bin Nogħemi u Elimelek.

dawk li għandhom jedd il-
21 fidwa tagħna. U qalet Rut
lil ħmietha : U qalli wkoll :
"ibqa wara l-ħaddiema tiegħi
sakemm itemmu l-ħsad tie-
22 għi kollu." U qalet Nogħemi
lil Rut, kennitha: Aħjar bin-
ti li inti tmur mal-ħaddiema
tiegħu, biex ma jaħqrukx
23 f'għalqa oħra. U baqgħet hi
mqabbda wara l-ħaddiema
ta' Bogħoż tlaqqat sa ma
ntemm ħsad ix-xgħir u ħsad
il-qamħ; inbagħad qagħdet
ma' ħmietha.

**Nogħemi taħseb għaż-żwieġ ta' Rut.**

3 QALTILHA Nogħemi, ħmie-
tha : Binti, ma għandix
jien infittixlek mistrieħ biex
2 tkun hienja? Issa Bogħoż
mhux minn qrabatna, li int
kont mal-ħaddiema tiegħu?
Ara hu jderri l-andar tax-
3 xgħir il-lejla. Għalhekk in-
ħasel, indilek u itfa' manta-
rek fuqek, u inżel l-andar ;
la tħallihx jagħarfek sa ma
4 jtemm jiekol u jixrob. U
meta jimtedd, kun af l-im-
kien fejn jimtedd; inbagħad
mur u ikxef in-naħa ta' riġ-
lejh u mtedd; hu nbagħad
igħarrfek x'għandek tagħ-
mel. U qaltilha (Rut): Kull 5
ma tgħidli, nagħmlu.

**Bogħoż irid jiżżewweġ ma' Rut.**

Niżlet mela l-andar u 6
għamlet kull ma wissietha
ħmietha. Kiel Bogħoż u xo- 7
rob u qalbu ħliet u mar jor-
qod fit-tarf tal-għarma. In-
bagħad ġiet hi qajl qajla u
u kixfet in-naħa ta' riġlejh u
mteddet. Mela f'nofs il-lejl 8
ħass tkexkixa u ħâres ma'
dwaru u jara mara mimduda
ħdejn riġlejh. U qallha: Min 9
int? Qaltlu : Jien Rut, qad-
dejja tiegħek; ifrex dejl man-
tarek fuq il-qaddejja tiegħek,
għax għandek jedd il-fidwa
int. Qallha : Imbierka int 10
mill-Mulej, binti; aħjar din
tjubitek tal-aħħar minn tal-
ewwel, li ma mortx wara ż-
żgħażagħ, u la foqra u la
għonja. U issa, binti, la tib- 11
żâx : kull ma tgħidli, nagħ-
millek, għax jafu n-nies kol-
lha ta' belti li mara sewwa
int. U issa tabilħaqq li jien 12
għandi jedd il-fidwa, imma
hemm ieħor eqreb minni li

3. 4. Jaħsbu x'uħud li ma għamletx sewwa Nogħemi tibgħat 'l Rut timtedd ħdejn raġel bil-lejl. Oħrajn igħidu li Nogħemi kienet taf x'raġel hu Bogħoż u x'mara hi Rut, u għalhekk ma kellhiex mniex tibża. Nogħemi ma qaletx lil Rut biex tikxef riġlejn ir-raġel u tidħol taħt l-għata miegħu, iżda riedet biss li tikxiflu kemm kemm riġlejh biex iħoss ir-reżħa tal-lejl u jistenbaħ.

8. *Tkexkixa*, riġlejh kesħu u stenbaħ.

9. *Ifrex*, itfa' fuqi l-għajnuna tiegħek; u ħudni b'martek jew idħol għalija biex jeħodni b'martu minn għandu jedd aktar minnek. L-Għarab ukoll, jew biċċa minnhom, għadhom jitfgħu l-mantar fuq il-mara biex ifissru li sa jeħduha b'marthom.

10. Rut mhux biss telqet 'l niesha imma riedet ukoll tqajjem in-nisel ta' Elimelek, u għalhekk għażlet 'l Bogħoż, għalkemm xi ftit imdaħħal fiż-żmien. u ma marretx wara ż-żgħażagħ.

13 għandu jedd il-fidwa. Ibqa'
hawn dal-lejl, u filgħodu,
jekk irid jieħdok hu, tajjeb,
jieħdok; jekk ma jridx jieħ-
dok, nieħdok jien; ħajj il-
Mulej ! Orqod sa filgħodu.
14 Raqdet mela ħdejn riġlejh sa
filgħodu u qamet qabel ma
kien jista' jagħraf wieħed lil
ieħor. U qal: Li ma jkun jaf
ħadd li ġiet dil-mara l-andar.
15 Inbagħad qallha : Ġib man-
tarek ta' fuqek u żommu
sħiħ. Żammitu u kejjlilha
sitt tikjiliet xgħir; għabbie-
homlha fuqha u daħlet il-
belt.
16 Waslet għand ħmietha u
qaltilha: X'minnek, binti? U
għarrfitha b'kull ma għamlil-
17 ha r-raġel. U qaltilha: Dawn
is-sitt tikjiliet xgħir tâhomli
għax qalli: "ma tmurx idek
18 f'idek għand ħmietek." U
qaltilha (Nogħemi): Oqgħod
binti sakemm tkun taf kif
taqa' l-biċċa, għax ma jeh-
diex ir-raġel sa ma jtemm il-
biċċa l-lum.

**Ftehim fuq iż-żwieġ ta' Rut.**

4 TALAGĦ Bogħoż bieb il-belt
u qagħad hemm bil-qiegħ-
da. U hemm hu għaddej il-
qarib li kien semma Bogħoż.
Qallu: Ersaq u oqgħod, flien.
U resaq u qagħad bil-qiegħ-
2 da. Inbagħad ħâ (Bogħoż)
għaxart irġiel mix-xjuħ tal-
belt u qallhom : Oqogħdu
hawn bil-qiegħda. U qagħdu.
Inbagħad qal lill-qarib : Il- 3
għalqa ta' ħuna, Elimelek,
sa tbiegħha Nogħemi, li reġ-
għet ġiet mill-inħawi ta' Mo-
wab. U jien ħsibt biex in- 4
għarrfek u ngħidlek : "Ixtri-
ha int quddiem ir-rġiel li
qegħdin hawn u quddiem ix-
xjuħ ta' niesi." Jekk int trid
tixtriha, ixtriha, u jekk ma
tridx tixtriha, għidli biex in-
kun naf, għax ħliefek ħadd
ma għandu l-jedd, u jien
warajk. Wieġbu : Nixtriha.
U qallu Bogħoż : Meta int 5
tixtri l-għalqa minn id No-
għemi, int tieħu wkoll 'l Rut,
il-Mowabijja, mart il-mejjet,
biex tqajjem isem il-mejjet
fuq wirtu. Wieġbu qaribu : 6
Ma nistâx neħodha, li ma
nagħmelx ħsara lil wirti. Ħu
int għalik jeddi, għax jien
ma nistâx neħodha.

Din kienet dâri d-drawwa 7
f'Israël fix-xiri u fil-bdil biex
kollox ikun igħodd : jaqla'
wieħed il-qorq tiegħu u jatih
lil sieħbu; din kienet ix-
xhieda f'Israël. U qal il-qa- 8
rib lil Bogħoż: Ħu int għalik
jeddi. U qalagħ il-qorq tie-
għu. Qal inbagħad Bogħoż 9
lix-xjuħ u lin-nies kollha :

15. *Sitt tikjiliet*, kemm kienet tasa' kull tikjila ma nafux, għax mhemmx fil-lhudi; imma naħsbu li tâha kemm tifla ħ terfa'.

4. 4. Meta tinbiegħ għalqa, l-eqreb wieħed li jiġi mill-bejjiegħ għandu l-jedd jixtriha hu; Lev. 25. 25.

6. *Ma nagħmelx ħsara*, għax il-wirt ikollu jinqasam ukoll bejn l-ulied li jkollu minn Rut.

7. Mela din id-drawwa ma għandhiex x'taqsam mad-drawwa msemmija f'Dt. 25. 9. fi żwieġ l-armla ma' ħatinha.

Xhud intom il-lum li xtrajt
jien kull ma kellu Elimelek
u kull ma kellu Keljon u
10 Maħlon minn id Nogħemi. U
'l Rut ukoll, il-Mowabijja,
mart Maħlon, jien neħodha
b'marti, biex inżomm wieqaf
isem il-mejjet fuq wirtu, u
ma jitħassarx isem il-mejjet
minn qalb ħutu u minn qalb
nies beldu. Xhud intom il-
11 lum. U wieġbu n-nies kollha
li kienu bieb il-belt: Xhud
aħna; u x-xjuħ qalu: Jagħ-
milha l-Mulej il-mara li ġiet
f'darek bħal Raħel u bħal
Lija li bnew huma t-tnejn
dar Israël; ikseb il-ġid f'E-
frata, ikollok isem f'Betle-
12 hem. Tkun darek bħal dar
Fares, li wilditu Tamar lil
Ġuda, min-nisel li jatik il-
Mulej minn din it-tifla.

**Rut tiżżewweġ u jkollha iben.**

13 Hâ mela Bogħoż 'l Rut u
żżewwiġha u resaq lejha, u
tâha l-Mulej li titqâl, u wil-
det iben. U qalu n-nisa lil 14
Nogħemi: Imbierek il-Mulej
li ma ħalliekx il-lum nieqsa
minn feddej, biex jissemma
ismu f'Israël. Hu jfarraġlek 15
qalbek u jweżinlek xejbek,
għax kennitek, li tħobbok,
wilditu, u li hi aħjar għalik
minn seba' wlied. U ħadet 16
Nogħemi t-tarbija u qegħdi-
tha fi ħdanha u kienet hi
trabbiha. U qalulha l-ġirien: 17
Tweldilha iben lil Nogħemi!
u semmietu Għobed; hu mis-
sier Isaj, missier David.

**Nisel David.**

Dan hu nisel Fares: Fares 18
wiled 'l Ħesron; Ħesron wiled 19
'l Ram; Ram wiled 'l Għam-
minadab; Għamminadab wi- 20
led 'l Naħasson; Naħasson
wiled 'l Salmon; Salmon wi- 21
led 'l Bogħoż; Bogħoż wiled
'l Għobed; Għobed wiled 'l 22
Isaj; Isaj wiled 'l David.

TMIEM

11. *Li bnew dar Israël; bena dar* tfisser ukoll *kellu wlied, għamel familja.* Raħel u Lija kienu n-nisa ta' Ġakobb, minnhom ġejj in-nisel tal-Israëlin, għalhekk huma *bnew dar Israël.*

14. *Feddej*, it-tarbija li twieldet lil Rut tifdi minn-nisi isem Elimelek. *Ismu*, isem Elimelek, żewġ Nogħemi.

16. *Hadet Nogħemi*, skond il-liġi t-tarbija kienet bin Nogħemi u Elimelek.

17. Mela s-sultan David, li minnu tnissel Ġ. Kristu, imnissel minn Rut, il-Mowabijja.

18-22. In-nisel ta' David mhux biss minn Bogħoż u Rut, imma minn Fares,bin Ġuda.

---

NIHIL OBSTAT
datum Melitae die 21 Septembris 1931, SAC. PETRUS PAULUS GRIMA
Censor Theol.
IMPRIMATUR
Datum in Curia Ep.ali Meliten. die 25 Septembris 1931
CAN. P. BUTTIGIEG Cancell.
Vicesg. Vic. Gen.lis